p
# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri

## It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Nru. 41** It-Tnejn 24 ta' Ottubru 2022

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1021, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:30 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | - Sindku |
| Is-Sur Emmanuel Mintoff | - Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - Kunsillier |
| Is-Sur Sammy Saliba | - Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

| | |
|---|---|
| Benjamin Zammit | - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | - Segretarju Eżekuttiv |

# Minuti

**24 ta' Ottubru 2022**

Is-Sindku Dr. Daniel Attard ippresjeda l-laqgħa.

## 41.1 Qari ta' lttri ta' apoloġija;

**40.1.01** L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ, Benjamin Zammit informa lis-Segretarju Eżekuttiv li minħabba mpenji oħra ma setax jattendi.

## 41.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti 8-40.

**41.2.01** Il-Minuti tal-Laqgħa Numru 40 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 41.3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza.

**41.3.01** Stedina miċ-Circolo Gozitano, flimkien mal-Kunsill Reġjonali Għawdex u l-Ministeru għal Għawdex għaċ-Ċerimonja, quddiesa, kunċert u għoti ta' Ġieħ Għawdex fil-prezenza tal-E.T. George Vella, President tar-Repubblika ta' Malta fl-okkazjoni ta' Jum Għawdex nhar il-Ġimgħa 28 ta' Ottubru.

**41.3.02** Approvazzjoni ta' użu ta' fondi mogħtija għall-iskema SPI/SCI/3/2021 biex il-bilanċ jintuza għall-attivita' simili li ser issir din is-sena peress li ma ntlaħaqx l-ammont rikjes.

**41.3.03** Emejl mingħand l-ERA dwar kameras tas-sigurta għal skopijiet ta' moniteraġġ u infurzar. Il-Kunsill indika l-postijiet fejn jixtieq dawn il-kameras. Dawn huma Triq il-Qadima u t-Triq li tagħti għal Wied il-Mielaħ.

**41.3.04** Emejl mingħand il-*Cultural Events Fund Board* dwar il-pagament ta' *Traditions*. Is-Segretarja nformat lill-Kunsill li qed taħdem fuqha. L-istima tal-ispejjes inkonnessjoni mal-attività ta' *Traditions* hija ta' madwar €15,000.

**41.3.05** Il-Kunsill irċieva tlett "Electrically Assisted pedal cycles". Dawn ġew mingħand il-Kuntrattur u l-Kunsill ma jaf xejn iżjed dwarhom. Is-Segretarja qed tistenna risposta mingħand ir-Reġjun ta' Għawdex.

**41.3.06** Appell 373/22. Il-Kunsill ġie nnotifikat mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar dwar appell li sar dwar applikazzjoni PA 0761/21 – *To construct poultry farm, rubble walls, store and reservoir* fi Triq Dun Karm Caruana. Il-Kunsill kien oġġezzjona għal dan l-iżvilupp fl-entratura tal-Għasri u din l-applikazzjoni ġiet irrifjutata mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar. Peress li l-Kunsill kien diġa ħa deċizjoni unanimament sabiex joġġezzjona għal din l-applikazzjoni, s-Segretarja talbet li l-Kunsill ikun involut fl-appell.

**41.3.07** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand il-JP2 Foundation sabiex il-Kunsill jikkollabora ma din il-fondazzjoni biex jitella kunċert fil-knisja tal-Għasri mit-Tenur Michelangelo Muscat u *Cellist* Noe Levente Long, Pjanisti Christen Gauci u Kathryn Mizzi nhar is-Sibt 22 ta' Ottubru fl-okkazzjoni tal-festa ta' San Ġwanni Pawlu II. Qabel il-kunċert ikun hemm quddiesa mmexxija minn Monsinjur Dennis Kuruppassery. Il-Fondazzjoni qed titlob €300 biex dan iseħħ.

Peress li din il-korrispondenza ġiet biss ftit ġranet qabel id-data tal-attività, s-Segretarja talbet l-approvazzjoni mingħand il-Kunsilliera. Kien hemm qbil mingħand 4 kunsilliera li din l-attività ssir u għalhekk is-Segretarja informat lill-fondazzjoni biex torganizza din l-attività.

**41.3.08** Il-Kunsill applika għall-iskema SPI/SCI/08/2022 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2022. Il-Kunsill irċieva risposta mingħand id-Diviżjoni Gvern Lokali li l-applikazzjoni tal-Kunsill ma ġietx aċċettata għaliex ma kisbitx l-marki neċessarji sabiex tikkwalifika għall-fondi.

**41.3.09** Korrispondenza mingħand il-*Commission on Gender Based Violence and Domestic Violence* dwar kampanja.

**41.3.10** SPI/SCI/10/2022 – Espressjoni ta' interess – Żvilupp u titjib ta' latrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex. Din is-sejħa hija ndirizzata lill-Kunsilli Reġjonali.

**41.3.11** Direttiva Numru 1/2022 – Proċedura ġdida dwar l-għażla ta' Segretarju Eżekuttiv ta' Kunsill Lokali u Reġjonali.

**41.3.12** Emejl mingħand Wasteserv dwar *European Week for Waste Reduction 2022*.

**41.3.13** Emejl mingħand ir-Regjun Għawdex dwar il-*Beverage Container Refund Scheme Ltd.* (BCRS Malta).

**41.3.14** Ċir AKL 2022/105 Laqgħa Plenarja AKL25/26 ta' Novembru 2022.

**41.3.15** Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera li l-grada fi Triq Ġesù Nazzareno waqgħet u hemm bżonn li tinbidel.

**41.3.16** Is-Sindku qal li hu rċieva talba biex issir *speed hump* fi Triq Dun Ġużepp Cassar. Il-Kunsill għandu jitlob l-awtorizazzjoni tat-Transport Malta.

## 41.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

**41.4.01** Il-Kunsillier Sammy Saliba staqsa lis-Sindku fiex waslu l-pjanti tal-proġett tal-*Community Centre*. Sammy Saliba kompla jgħid li s-Sur Mario Fava, President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali ser jgħin lil-Kunsill sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għad-devoluzzjoni ta' din il-biċċa art. Sammy Saliba nforma lill-Kunsill

li hu flimkien mal-Kunsillier Elizabeth Mintoff kellhom laqgħa mas-Sur Fava u hu wera d-diżappunt tiegħu għal proġetti li mhumiex kompluti fl-Għasri.

**41.4.02** Sammy Saliba semma wkoll il-proġett tal-Fanal ta' Ġordan u dawk il-kmamar mitluqin ħdejn il-Fanal. Il-Viċi Sindku qal li hu kien avviċina lill-Ministru ta' Għawdex preċedenti dwar proġett abbinat mal-*area* tal-Fanal li jinkludi "Cable Cars". Dawk il-kmamar abbandunati jistu jintużaw bħala "souvenir shops u coffee shops". Il-Viċi Sindku qal li s-suġġeriment tiegħu ġie mwarrab. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jitlob devoluzzjoni ta' dawn il-kmamar. Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill ma jistax jitlob għal żewġ devoluzzjonijiet f'daqqa.

## 41.5 Attivitajiet tal-Milied.

**41.5.01** Ġew iffissati d-dati tal-attivitajiet tal-Milied kif ġejjin:

1) Il-Ħamis 22 ta' Diċembru l-attività tal-Milied organizzata mill-Kunsill fis-sala tal-MUSEUM. Din tinkludi: kant, zfin, kummedji u *plays* tal-Milied. Wara jkun hemm riċeviment għal dawk preżenti.
2) Il-Ġimgħa 23 ta' Diċembru – tqassim ta' rigali minn *Santa Claus* fuq iż-żiemel.
3) Is-Sibt 23 ta' Diċembru – tqassim ta' *hampers* lil dawk il-persuni *homebound* (skont il-lista) mill-Kunsilliera.

Il-Kunsillier Sammy Saliba nforma lill-Kunsill li l-attività li kienet ser issir fit-toroq tal-Għasri mill-Ministeru għal Għawdex fi żmien tal-Milied mhux ħa ssir.

## 41.6 Dekorazzjonijiet tal-Milied;

**41.6.01** Il-Kunsilliera qablu li għandha toħroġ sejħa għall-offerti għad-dekorazzjonijiet tal-Milied tat-Triq Dun Karm Caruana u Pjazza s-Salvatur.

## 41.7 L-aħħar żviluppi fuq ix-xogħolijiet kapitali.

**41.7.01** Ix-xogħol fuq Ġnien Kenn is-Salvatur għadu wieqaf. Il-Kunsillier Sammy Saliba nforma lill-Kunsill li hu tkellem mal-kuntrattur u ġie nformat li x-xogħol għandu jerġa jibda l-ġimgħa d-dieħla.

**41.7.02** Il-Kunsill ma ngħatax tagħrif dwar ix-xogħol fi Triq Wied Sara. Is-Segretarja ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu kuntratt fuq ix-xogħol fil-konfini tal-Għasri biss u hi mhux ħa tieħu responsabilità fuq ix-xogħol li qed isir fuq in-naħa tar-Rabat. Barra minn hekk il-Kunsill għandu fondi limitati u l-Kunsill għandu jieqef meta dan il-limitu jinqabez.

## 41.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti; u

**41.8.01** Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti nru 8-41 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 41.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**41.9.01** Il-laqgħa ntemmet fit-8.30 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 21 ta' Novembru fis-7:00 ta' filgħaxija.

Konfermati, it-Tnejn 21 ta' Novembru 2022.

**IFFIRMATA**
Dr Daniel Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Rita Mifsud Attard
Segretarju Eżekuttiv